TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mario Falzon

vs

Motors Inc. Ltd.

CCT 231/16/MS

8 ta' Mejju 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent prezentat fit-12 ta' Dicembru 2016 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €471.35, prezz ta' *fan-switches* u xogholijiet ancillari wara hsara fil-karrozza tieghu, liema hsara ma gietx imsewwija mis-socjeta' intimata, minkejja diversi attentati u spejjes min-naha tal-attur.

Ra li s-socjeta' intimata debitament notifikata fis-16 ta' Dicembru 2016, ma dahlet ebda risposta ghal din it-talba tar-rikorrent u ghalhekk ghandha titqies bhala kontumaci.

Semghet ix-xhieda tal-attur bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent huwa propjetaru ta' vettura Opel Corsa bin-numru KBD 136. Ghall-habta ta' Marzu 2014, din il-karrozza kellha problema ta' *overheating*. Hadha ghand is-socjeta' intimata li biddlulu s-*switch* tal-*fan*. Jidher illi dana ma kienx bizzejjed peress li l-problema regghet rikorriet. Mar diversi drabi ghand is-socjeta' intimata, fejn kull darba ihallas ammont ta' flus sabiex isolvi din il-problema li baqghet tippersisti. Fil-21 ta' Lulju 2016, ir-rikorrent ha l-vettura ghand Philip Balzan Company Ltd ta' Haz-Zebbug, fejn wara spezzjoni, il-*mechanic* Alfred Balzan induna l-problema fejn kienet, saru t-tiswijiet necessarji u l-vettura ma reghetx sahhnet aktar.

Ir-rikorrent qieghed jitlob l-ammont ta' €471.35 li huwa l-ammont totali ta' dak li hallas lis-socjeta' intimata sabiex jipprova issolvi l-problema, liema problema ma gietx solvuta mis-socjeta' intimata.

Ikkunsidra

Peress illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni tas-socjeta' intimata irrid joqghod fuq il-versjoni u dokumenti li pprezenta t-rikorrent. Skond din il-versjoni, is-socjeta' intimata ma rnexxilhiex issolvi l-problema minkejja l-ammont ta' flus illi hallas, kif jidhru fl-ittra tas-7 ta' Settembru 2016. Il-problema giet solvuta minn terzi minghajr ebda kontribuzzjoni mis-socjeta' intimata.

Jidher ghalhekk illi din is-socjeta' ma kellhiex il-kompetenza sabiex tiddentifika l-problema u toffri soluzzjoni u ghalhekk ta' dan m'ghandux ibati ir-rikorrent. Il-versjoni moghtija mir-rikorrent hija wahda veritjera u dan it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni il-ghala ghandu jiddipartixxi minnha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa't-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' intimata li tirrifondilu s-somma ta' €471.35 ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru